(jiehu lil conti kotum ittika) Hares... intix tighara dic il catina? dic il catina izomm il Cavalleria tal princep, ma jena illejla stess nakla il permess sabiex innehhua, bl'iscuza l'incum irrid nati f'idejn idducа l'armi colla.

Arm Allura inti ma tcunx mghana fil foresta ta Louvain?

Karl X'jimporta intom bzonni m'ghadcomx, mentri jena haun inzomm innies, tighiai allerta. L'armi tighei huma lesti, u il passagg ~~icun~~ liberu

Arm Allura nargau nintakau fil palaz tal belt.

Karl Sa Armando fil // nidhlu mil bieb tal ~~palaz~~ campinar

Arm Mur Karloo (johodlu idu) illejla actar missolitu icolli bzon nistringi id leali ma kalbi bhal m'hi tighiac.

Karl Allejla (Karllo jilbes il mantell u johrog)

Scena VI

Armando indi Sew.

Arm Oh! Patria... Patria... ma icollox x'tilmenta mid-doveri tighiac versu leich. irregulait l'interessi ~~ta ...nti~~ tighec kabel

marregulait l'interessi sacrosanti tighei. (pausa ikum) Hem bzon li jena intárraf ga haga lil Dolores fuk l'interessi privati tghana, Hem bzon li kalli tisfoga il passioni tghahha (~~xxxx~~ icempel u jidhol seflúr) Mur gheid lil Contessa li ghandi bzon inchellima. (Sew johrog u uara pausa tidhol Dolores)

## Scena VI

### Dolores e detto.

Arm Dolores ... ghandi bzon inchelmech.

Dol Jakau ge' inkala mil gdid?

Arm Dolores ... fdin-iddar ... fil hin tannukkastiai issuccieda fatt ... Smait min jeidli li dallgħ gemma dan l'istéss palazz, deher bniedem, hiereg mill' appartament tighec.

Dol (confusa) Min ghandi?

Arm Iva Dolores min ghandec.

Dol Mhux veru --- mhux veru -- dan collu ghideb.

Arm Xein ghideb il fatt hua sgur ... issa irrid naf chif dal bniedem dahal hawn gew.

Dol Ma naf -- forsi tchellem maseflura.

Arm Li chiechu tchellem massefkira ma chinx jaidila "Arga idhol Singura" fintlu "Singura" kal, u haun m'haux singuri hliefech.....

Dol Le, Le... mhux veru....

Arm Beni Dolores... u ech daun il chelmiet semauh jaidom?

Dol Mhux veru... mhux veru... dac l'ispaniol ghideb.

Arm Altru milli hua veru... t'af ucoll li semghacom Spaniol.... ah! miserabbli, chin il mahbub tighec... briedem vili... japprofitta ruhu mid-dlamm tal-lejl, u mill'assenza tighei

Dol Sinjur ----

Arm U ghandec il curagg li tcompli tichad?

Dol Iva --- collu veru...

Arm Inara mingheir rimorsi tal cuxienza, falsa, isleali... mingheir misthija... ma bakalechx actar curagg biex tiddefendi ruhec?

Dol Ina bakalix ghalfein ninganac izjed... iva veru li jena hatia... jena marridx insalva izjed il prezz tal ghideb... inti taf collox... aktolni... iddisprezzani...

jena nahlifleck li jigu mumenti li il mewt incun
nictieka bhala sollievo--- jena ma incunx izjed
forzatā--- li fuk xcuflējja inkalli tidher l'ipocre=
sia--- u fuk wicci infingi l'imhabba---menti
li f'kalbi ghandi l'odiu-----
Arm O diu?--- u ghal min?----
Dal Ghalich u ghal hatt ezjed.
Arm (isabbata ma l'ard) Mara indenja -- ingratā---
inseitā forsi dic l'imhabba li lilech
imxeichna illiema cont ghet? Eccu irricchezzi
tighei --- il grad -- ismi --- hudom---
dawn colla biex isewu lilech ja mara infami,
inseit metā jena, higt ghal caccia u thalt
fdac il bosch tal biza --- u hlistec mil
l'Esilin---- inseit il xegh da li
ghamilt lil imxeichen missierech agonizzanti
----- Ah! mara bla mistkija--- int sibt
fija irragel gelus ghall'imhabba--- u dana
il gid collu --- dawn il benefigi li ghamilt
mghiac ma servewx ghal hag'ohra hliēf biex
f'kalbec izzom O diu---- O diu ghal min ihoblox

--- odiu ghal min jadorac --- li il conseguenzi tighei huma fatali ---. (pausa) Dolores ---- irringrazzia l'issema li ghoghbu jazilni defensur tal Patria mahbuba. hara pero li iddoveri tighei icunu compluti --- allura nigi fdarech u emmec tcun keda tistennic il hlija.

Dol Iva --- issema hua ochud tal bontà tighec. jena thalt f'din iddar tifla innocenti --- risolutà l'incun tifla tayba --- imma dic l'indifferenza tighiac ----

Arm Indifferenza??----

Dol Iva --- inti gio kalbec ghandec lil hattiehor jena naf kalbec lil min tipposiedi ---- nafa tayyeb l'irrivali tighei --- din hija Fiandra il Patria tighec.

Arm Ma jonsoct hag'ohra hlif li tinvettani fil Fidi tighei ----

Dol Dic il passioni sfrenatà li ghandec ghal dic li issejhula "Libertà". Dane il viaggi suspettusi --- Dac il hrug billejl. Bul metà tcun mighei hsiebec dejjem firrivali

tighei Frandra.

Arm. Iscot -- la târgax tirrepeti din il chelma....
inti ma ghaddeitomx, il granet tad-duejjah
tighei --- Illegli tal bichi, ghal Patria
ippersequitata ... mhux forsi dover sagru li
nahrit fil Patria tighei?---

Dol. U x'jimpurtâni, jec din l'art tcun libera
jeu le.

Arm. Issa verament kiat nara li inti tâseer
denja tà dic irrazza dannata... ah!
mishut'a Spanja... Egoista.... hares o
Spanja lein uliedec ... lein demmech...

Dol. Ghandec ragun ... irrazez tghana katt
ma jistâu icunu jakblu ma ta scultin
Anzi ghal cuntrariu ... huma mahlukin
biex jekirdu lil scultin. Jena Spaniola
int il padrun tighei, jena lesta biex
tiehdili hajti.

Arm. Huma l'ispanjoli shabec li kedin irdu
dem innisa ... mhux bdan irrid nithallas

Dol. X'jehsibec tghamel bija

Arm Ngheidlec Dolores ... metà incun naf l'isem tà dac il vili ... li dahal f'dari ...
jena ghandi prova ciara bizzejjed, biex nixxef lil hati ... iva idu feruta (jinstemma l'arlog idokk) Il hin sar ... ghal ghada Dolores metà il vili icun mejjet ...
(imur biex johrog)

Dol (bil mod) Karloo dak li tant inhobb icun mejjet ... (tibchem ghali u stàllet fideja)
Izda int tòktlu chem il darba natic zmien jen (ixxejjer dakka tà stàllet il conti jahtfila ida u iraobbatà ma l'àrd). Ghal ghada Dolores illum

Arm il Patria ghada tmur.
(johrog jigri)

Cambiamento di Scena

## Cambiamentó di Scena

Ixxena tirrappresenta Sala fil palazz tad-Duka.

### Xena VII

Idduca bilkeda fuk pultruna, Vargas, Rincau, u Tramville ftit il bghod minnu jitkellmu bil ~~x~~ mod.

Tram Gheiduli haga, id-duka dejjem allegru lhallejla?

Varg Le sur marchis, ma billi Pierre ittifel tigheu jinsab mhux hazin allura jinsab daksein ferhan. (jitkol seftur u jati xi carti lil Vargas: dan imur kuddiem idduca) Altezza gie il currier tà Spania u tàni daun il carti ghalia. (itiomlu)

Duca (ihares lejom ... (pausa) lil marchis) Dejjem haun sur marchis.

Tram L'altezza tighec tàlni dan il palaz b'hab ... jena dejjem nistenna li tibghatni ... nahra dejjem il battalji tà l'imperatur Carlu V biex naddi izzmien

Duca Il francisi jafu jeidu xi haga fuku ...... insomma sur marchis ahna iffissaina il prezz tàrriscat- tighec.

Tram Nirringrazziac altezza, mill'attenzioni tighec. (jakra xi codba [jakraj], idduca jamel sinjal lil Vargas u lil Rincau daun jersku bdeik) X'jidrilcom missituazioni tàl belt illejla?

Vargas — Altezza illejla kia tassen tà piacir... biju ma cullimchin -- fl'istess hin ordni perfetta -- il veru Carnival (Duka jiftaħ ittieka pausa u jarga jokkol)

Duca — Jidirli li il belt kia uisk tetra... ankas mascra uahda ma tider -- l'ebda daul l'ebda gheita.

Rin — Altezza dan collu ifissér tranquillità fl'abitanti.

Duca — Troppo — L'ilma kiat ma tanti jogobni ----
ghaliex dic il birrerija tinsab mghaluka?

Varg — Altezza ma tanc ahna cuntenti bil birraj, furnari... u l'ankas bil bicciera

Duca — X'jigiefieri dan?

Var — Ifisser Altezza, li dalghodu 18 il birraj, furnara, u bicciera; mill'actar rinnomati irrifjutau li jiftħu il ħuienet tghaħhom.

Duc — Imintax — u intom ma galtuomx jamlu eddover, taħhom!

Var — Ahfirli altezza, ahna tainiom zmien sa nofs inhar, ma billi m'obdeux, ahna schetniom fil habs ta jacobini.

Duc — Beni Vargas, gheid lil bojja biex ilesti 18 il habel gdid, u ghada irrid li dawn 18 il xitán, jannu imdendlin min ghonkom

kuddiem il kuinet tghalhom. Atuni issa xi notizji tal Olanda.

Rin Bolla taiba. Amsterdam tranquilla.

Duca U il princep D'Orange?

Rin S cont irrapport ta l'ispia fil 15 ta dan chien jinsab fin nahiet ta Leida....

Varg Le nitlob sauza, fin nahiet ta Mons

Rin Ghandec zbal sur Vargas.

Varg Le f'Mons ecc irrapport tighei (ilch l'idduca)

Duca Hakk ixxiatén.... l'ispiji taghna ma jafux x'hinum jamlu, jahsbu forsi li jaddu izzmien bija? Sinjuri naticom sghia uahda biss, biex titchixxfu fein hu kiat.... minnu biss nibza.

## Xena IX

Noircarmes e detti.

Noir (jamel reverenza) Inghandechx alfein tibza Altezza.

Duc S'at haun sur Gran Prevost.

Noir S va altezza.

Duc Gheidli jec jogboch l'ghala....

Noir Notizji frisci u sguri... il princep raga ghadda ir. Reno il hatt li ghadda, ~~min~~ fein Strasburgo

300 ruh irvellau ghax naksulom il flus.

Duc U dana fein tâfu?

Noir Min ghant l'ambaxxatur Francis.

Duc Inhossni ftit actâr cuntênt issa... daun jissejhu notizii .... atîni il cartîtighacom (johodom u jiffermom) Lebda suspett m' hemm ghal lejla?

Noir Assolutament xein. Il bell colla tinsab riekda

Duca Beni siguri tistau tmorru tistriehu ucoll.

(Vargas u Rin jihdu l' carti u johorgu. Duca icempel kan)

## Xena X

Duka - Noir - indi Pierre.

Offic (jidhol) Altezza ....

Duc Mur gheid l' ittifel tighei jigi ghax nixtiek inchelmu

Official Icun servut (johrog u wara ftit jidhol Pierre)

Duc (janku) Mahbub ibni chif int?

Pierre Ninsab ftit ahiar missolitu.

Duca U dic itterribbli sghola?

Pierre Ftit inkas min kabel... pero ma stâitx norkod.

Duca Ittabib Alberti ippromettili l'igalech torkod.

Pierre Il deyja deyjem jaharku

Duca Kiat nielu gost ninmac titchellem (jidhol

Noir (Rincau ichellem lil Noir u dam imur hdein idduca) Altèzza.

Duca Ic'giarà?.. xi tridu?.. m'ghandix bzoncom izièd.... tistàu timorru....

Noir Nitlob scuza allèzza, ma l'affari hia importanti

Duca Ic'hinu l'inkala tchellem ....

Noir Captàn tàl melizia paysana.....

Duca Mghadix tèsisti din il melizia.

Noir Precisalment allèzza, dan il guivni ehin jiccmanda cumpania tàl Archibugieri, u ahna ftit ilu tàinih ordni li ma jistàx jesequixxi jec mhux bil permess tàl Altèzza tighec.

Duca Allura jaddi u nispiccian (Rin. johrog u jidhol Karl.)

## Scena XI

### Karloo e detti.

Karloo Altezza, jena captan ....

Duca Int m'ghadecx izièd, ghax il guardia paysana hia mahlula .... tista ticcunsinnali ixxabla.

(Karloo jatia lil Noir. dan ipoggia fuk meida hdein idduca)

Pierre Papà nitolbboc li ma thallix il corla tiuuperac bdan il mod.

Duca Sva ibni via (lil Karloo) Ic'hinu li titlob?

Karlo Sur duca, il Gran Prevost, iccmandani biex niglor
ma tiel illejl l'armi tal cumpania tighei, u nohodom
fil palazz tal belt. Dan ~~th~~ taht piena tal meut.
Beni jena haun pront biex nobdi, però jiddispiacini
nghidlech li hu imposcibbli li nittrasportà 800
corazzier archibugieri, u ambulanzi, causa tà
daun il ctajjen li jalkuli il passaggi colla tal belt.
Duc Allura?
Pier Sema kiat jaid Papà
Duc Iscot int ibni. u int oc'titlob?
Kar Nitlob li dallejl il ctajjen iamu immehhia
mittorok li jiccircondau il palazz tal belt.
Duc U ech jena nirrifiuta?
Karl Allura altezza, la titlobnix adàr armi, nehhili
hajti, il hajja hia uisk semplici ghalija.
Pier (~~bil~~ mod) Jih dac li kiat jitolboc.
Duc (lil Noir) Issib xi difficultà filli talab issinjur?
Noir Ghal lejl uiehed biss però.
Duc Beni jigu immehhia u halluni (Karlo icunx
Pier hiereg) Ihallihx immur papà.
Duc X'hinu li inti trid Pierre? issa li tainih il

grazzia li talab. (lil Karl) Stenna ftit iehor.

Pier: Jena nitlob li targa tixxendilu icxabla tighu ...
m'hemx haga izjed umilianti ghas- suldat min
meta jigi disarmat.

Duc: Iblah, suldat tal melizia paysana, ankas jaf
chif ghandu jissewa bigha.

Pier: Imma hua jaf tajjeb.

Duc: U dan fein tafu?

Pier: Jena stess raitu jzza.

Duc: Meta ... fein raitu? ....

Pier: F'dic il giurnata illi fiqha inti bghatni fil bosc
biex infittex lil Esiliat -- fein jen. cont assaltat
mil briganti.

Duca: Assassin!...

Pier: Dac li chien iddefendini bixxabla ...

Duca: Min chien.

Pier: Dan il captan kalbieni li hawn presenti kuddiema.

Duca: U dana ghax m'ghettulix min kabel (lil Karl)
Ersak l'hawn sinjur, u spiegali chif ibni
ghandu din l'obbligazioni leic.

Karl: Altezza, jena m'ghamilti xejn hag'ohra hlief iddover

tighei, cioè niddefendi tifel assaltat bla difesa.

Pierre: U jena sur Karloo nghamel iddover tighei ciol niftacar fil gid li ghamilli.

Duca: Karloo --- dan l'isem m'hux gdid ghalia, ma contč caplan f'Gravelines?

Karllo: Sva altezza, u anche fil battalja tà S. Guntin. bhala portà Standart tàssur duca d'Egmont.

Duca: Beni jen allura ma nistax nipprevic, mix-xabla tighac la tàf tàghmel usu minna. tistà targa tohoda (lil Pier) intix cuntent issa?

Karloo: Jena nirrifiuta li narga nielu ixxabla.

Pierre: Ic'inti tgheid Karloo?

Karloo: Sva, jena min Fiandra, u bhala tali ma nistax inservi l'armatà tàr-rè.

Duca: Però inti servejt tàjjel l'ordnijet tàs-sur d'Egmont.

Karlo: Contra il Francisi altezza u contra listess huti dan titennih katt. altezza.... (jihu ixxabla u iħares lejn idduca) ghandu icun li inti ma harist sewwa lejn din ixxabla... din hia arma antica, però biex tghasses il belt uakt li tkun rieqda - Biex tiddefendo il Patria

minacciatà. Ma biex tinbidel floc il mannara tàl bojja, jeu biex tàti sinjal ghal massacri u isaccheggi fuofs tà belt maħruka ---- Ah! jena naf tàjjeb sur duca ... ahiar tinfidli kalbi inchella iggalni nghamel azzioni bhal din. Ahna trabbeina fi Fiandra u ghal daks tànt ma jistà icun katt li inservi lilcom l'ispanjoli

Duca (ipoggia fuk il meida) Gran Prevost

Pierre Papà

Duca Morru il coll chem intòm min kuddiemi (lil Karloo) irringrazzia sinjur it bajja li salvait lil ibni, u irringrazzia li m'hux mument li jena inchelwec chif jixraklech, ghax chiecha ma conti tehlia chif gieb u lahak ----: morru ... morru ---

Nòir (Karloo johrog) Altezza il ctajjen x'nghamlu bjom

Duca Il ctajjen jigu imnehhija chif ordnait. (lil Pierre) Kiat Kara ibni... Kiat Kara, x'hinu li ipprocuraitli bi cliemech? Jena cont incun uisk felici li nara almenu uiehed minnom maghna specialment dac li hua tant kalbieni.

Pierre. (ihossu hażin) Hudumi min haun-irrid l'aria-ked ihossni hażin.

Duca (icempel kapiena u jidhol seftur) Hu lil ibni fil camra tighu u gibulu ittabib. (seftur jiha lil Piere. idduca ipoggi bilkeda hasbien: jidhol Rincan ichellem lil Noir dan imur fein idduca)

Noir Altezza ippermettili....

Duca Kein marid naf... morru min kuddiemi

Noir Ina l' affari hia uisk importanti altezza.

Duca Min gieba din l' ahbar?

Rin Jen altezza ... fil camra l' ohra hem mara li bilfors trid tchelmech.

Duca Hahk ixxiatén ... ghal ghada... ghal ghada...

(icun ser johrog u tidhol Dolores)

## Kena XII

### Dolores e detti.

Dol Ghal ghada altezza?... u inti sgur li tarah dan ghada?.... altezza tghamel uisk tajjeb jech tokod tismani.

Duca Beni fittex gheidli dac li trid tghid.

Dol Altezza ... ghandec tcun taf, illi fdin il belt jinsab bieniedem li jena nobodu uisk. Dan halifli li ghandu joktol ichor li jena tant inhobbu ....

Duca — U x'jimpurtāni jen min din l'istōrja ?...

Dol — Ghandec tāun tāf altēzza, li dan il bniedem li jena tānt nōbdd, illejla mar salviet fintaha mashabu genna issatterrani... jitolbu... issaltā tighec. Ghalech jen ghet beini u bein ruhi "Inti seyer toktōl lil dac li jena inhobb.... u jena nghejdlech li ma toktlux, ghax jena hafifa izjed minnech, u inghalom joktlu lilech kabel ma toktōl lilu ..... jena mort u raith u sibt il post t'al ighaka tighahhom, fil bieb ta "Louvain" fi speci ta sotterran, jena ma stāilc nisma sewua.... imma perō mil kliem li smait... gharaft li dawn irrivoluzionarji ghandom bhala cap tāghhom lil Princep "d' Orange"

Duca — Imposibbli sinjura .......

Dol — Imposibbli, meta raitu b'ghainejja stess?

Rin — Altezza m'hix haga gbira li il princep kiat viain il belt.

Duca — Beni gheidilna xi smait ?

Dol — Jena ma stāilc nisma sollox min fein cont

però naf li semmen certu sinjali --- dakk tà knepel --- f'nofs illejl ---- allura il belt colla tkum ----

Luca: Izda armi?....

Dol: Ghandom ucoll.

Luc: U il princep?.....

Dol: Meta il kniepel idokku, hua icun lest-binnies tighen biex jidhol fil belt.

Luc: Ghandu nisk mighen?

Dol: Ghaxar telef. Dana collu jimlu tajjeb....
il princep jasal fil piazza il gbira, ghax il clajjen icunu immehlija, u uiehed minnhom hua incarigat min dan, u ghandu jigi haun jec m'hux tigia gie......

Luca: Collu veru ---

Dol: Intix tara altezza chif sibtu fidila fi chemi.

Luc: Iva flit kabel ma geit int --- certu --- caplan ....

Dol: Igheidli xein altezza, dac uiehed minnom li gie jidhol bicom f'uiccom (tilmah ixxabla)
Ah! iva jec m'hinix sejra zball keda nilmah ixxabla tighen ---. iva dac hua uiehed mil capijet.

(tirrabja) Ma giara xein sinjura, ahna insibuh

ghax nafuh tajjeb.--- issa nitkellmu ftit mill' ohrain.

Duc Int rait min huma?......... ghar aftom?---.

Dol Colla altezza.....

Duc (jajjat) Vargas --- Vargas --- (Vargas jidhol) Lesti biex tictieb isimom ....(Vargas ilesti) isimom sinjura....

Dol Tridu tafu isimom il coll?....

Duca Isimom sinjura u mill' actār fis..

Dol Ma dana orribbli--- hallini sinjuri--- jena keda nibza minni innifsi ---.

Duca Ghaid pjuttost sinjura keda tibza ghal dac li thobb.

Dol altezza ---

Rin Flācar ftit li dac il bniedem irid joktlu....

Dol Collu veru....

Var Dac il bniedem hua ribell tāl poplu....

Noir U flahhar nett traditūr tāl "Patria".

Duc (pausa) Il conti tā Rysoor forsi?...

Dol Altezza jena ma semmeit il hatt ---

Duc Le --- pero induvnáit jen.... iva hua irragel taghec... Vargas icteb..."Il conti tā Rysoor"

Dol Ma dan hua izzejjed sinjuri--- intóm sejrin titilfuni ghal dejjem.

Duca Anzi sejrin insalvaua ... umbat melá tiftacar li dac li keda tghamel hua arrè ... ghal Patria ... isa ... isa sinjura ... hem bzon li tghedilna collox tghidilna isem l'ohrain ....

Dol Liema ohrain ....

Duc Tal congiurati colla.

Dol Ma daun lili nghamlili xein ...

Duca Collox issemmiom anche echi ma tridx.

Dol Katt .... umbad dan izzejjed ... jena ma nafomx ... m'gharaftomx ....

Duc Int tafom u gharaftom ... ghetta int stess isimom mghalair. (Dol tkun biex tohrog duca jzomma) Min haun ma tohrog kam ma tghedilna min huma il congiurati.

Dol Ma icun katt ... Altezza.

Duc Miserabbli .... atini l'isem taghhom inchella ittortura iggalech tgheid min huma malair. Hares l'haun (Duca jiclef purtiera u jidar il Boppa)

Dol (taka fl'art) Ah! ... Ga ... le ... na ...

Duc Galena (vargas jidher) izied ....

Dol Bahezeb ... però mhinix sgura

Duc — Bakerzeel .... izied ...

Dol — Ma nafx izied ... ahfirli sur duca u hallini ....

Duc — Isem iehor u inhallic ....

Dol — Il campanar Giona ...

Duc — U certament Cornelius. (Vargas jiclèb u itia l'idduca: jakra: u itia lil Noir) Jaun hue hsiebom int.

Noir — Iva altezza.

Duc — Kis li isir collox bl'icbar sahiet u attenzioni ....

Noir — Iva altezza izda il d'ayfen?...

Duc — Jibkan fein huma. Imorru mill'actar fis u arrestàu lil dac Karloo ... hay jeu meyyet irridu kuddiemi ——

Dol — Karloo ?? ..

Noir — Ighalku altezza?...

Duc — Le zommuh ghal taht il mannara.

Dol — Ghal taht il mannara ... Karloo Vandernoot?

Duc — Pricisament, il padrun tà din ixxiabla.... (Dolores tfun birga) sinjura min haun ma tistax tohroġ

Dol — Hallini ... icolcom kniena minni ... hallini

Duc — Ordnau malair il ghases mal biebin colla

Tutti. — Tcun servut (johorgu)

## Xena XIII

### Duca e Dolores.

Dol Erhuni ja hafna bogħit mishutà --- għa iddovar kiat isejjaħli ---

Duc Il 11 sinjura ... inti għandec bżon tokod magħna sa filgħodu ---

Dol Ireta forsi tkunu già arrestaitùh --- ma allèzza grazzia ... grazzia nitolboc għalih biss ....
Ħolloc hniena min dac l'imsachen ragel... jena ma nafx li hu ħati ---- umbat fuk collox ma jistax icun illi jena incun il caġun tal meut tigħeu -- għax inħobbu....
Il cap tigħaħkom hua zeugi --- iva ---, il conti là Rysoor -- aħjer lil dac irragel ... għax hua innocenti ----

Duca L'aħiar u l'unica ħaġa li fadallec tigħamel --- sinjura --- jec taf --- itlob għalieh.
(jimbotta lil Dolores ma l'art, joħrog u jaglak uaraih. Dolores tkum u timxi tigri bies toħrog u issib il bieb immsaccar ... tibda tigri min hawn għal hemm bħal uahda miġnuna)

Dol Ajjut ... ajjut collox spiċċia għalia ---- aħfruli nies infami...

jeu ghamlu vendetta minni .... iva jena cont' il htija li tgheilu f'idejn il bojja ... miserabbili li jeu .... imma jena irrid nohrog... irrid insalvah.

(Icun sejra tigri ghattieka, filwakt li min wara il purtiera jidher il bojja b'dahka tà cianfura fuk wiccu u b'mannara f'idu. Dolores chif tarah tghajjat ajtà ajjut u taka fl'art ghaxia)

Tinzel isseparju.

FINE DELL' ATTO SECONDO.

J. Cesaro

O. Vassallo

# Atto II

Ixxena tirrappresenta sotterran, inaha taxxellug biéb li jati ghal capinar, u iehor dejjak tmaha tal lemin

## Xena I

### Giona e Galena.

Jidhlu millemin bixxuabel taht idejom, u fanal f'id Giona.

Gal — Fein ahna Gion?—..

Gion — Taht il campinar, dac hua ittarag li jati ghal kniepel, din hia issala fein issinjuri jintakau biex jiddeciedu x'ghandu isir—..

Gal — Nispera li illejla tcun l'ahhar lghaka... u nahseb illi icolli dic il chira xorti li indahhal din ixxiabla fil kalb hazina ta Vargas.

Gion — Chif?!! int ucoll trid ticcumbatti?—. (ipoggi il fanal fuk il meida)

Gal — Ghala le?

Gion — Iscot... dehhi li smait hoss—.

Gal — Iva eccu il conti ta Rysoor....

## Xena II

### Armando – e detti indi Karlos.

Gal — Merhba bic sur conti

Arm — Int haun Galena?

Gal — Biex inservic.

**Arm** Karloo m'hux hawn

**Karl** (jidhol) Hbiet tighei jena m'ghasom.

**Tutti** Merhba bich Karloo....

**Galen** X'ahbarijet ghanna?

**Karl** Taibin ferm.

**Gion** L'espanjoli indunau bxi haga?

**Karl** L'ankas hsiebu m'ghandom... ftit ilu cont mad-duca.

**Arm** Beni u il clappen...

**Karl** Idduca stess tghà ordni biex illejla jigu immehlija

**Tutti** Bravu Karloo....

**Arm** Int sgur Karloo li m'ghandom l'ebda hsieb?

**Karl** Xein affattu --- innumru tas-sentinella hua bhal tas-solitu. Fil palazz u fil piazza ma jistabux hlief 50 ruh biss, nofsom imdaurin ghasshana tanar u l'ohrain kedin jamlu brindisi bissahha tal carnival.

**Arm** U l'archibugieri tighec?

**Karl** Jinsabu colla lesti, mil piazza tà Nassau sassuh il ebir. Issinjal hua convenut.

**Arm** Imlestu hbieb tighei, ghax issigha ghodda uaslet... Galena vaza lil Cornelius u lil shabu

colla biex jistennen hdein l'arcati (Galt. u gion johorgu)

## Xena III

### Armando – Karloo.

Arm Issa Karloo... halli ngheidlec x'nistenna min ghond

Karl Ichellem.

Arm Jech jena ghazilt dan illoc ghal congiura... jen ghaziltu ghax dan hua il palazz tal belt... iddar comuni .... iddar tal poplu.

Karl Kighed nifmech.

Arm Ghaun Karloo, missierelna iddefenden illigijet, li ghalna sejrin niddefendu.... min daun ittorak huma chienu jipprochlamau il libertà, li ahna irridu nergau naqqusläu, dan hu il hsieb taghna. Issa hem bzon li nohorgu rebbieha... il coll ngheilu b'vuci uahda "All'armi" u ahna ghal din il ghelta, bisoluzioni uahda, nohorgu niccumbattu ghad-drittijet taghna, li hilna nehhen, u nehelu darba ghal dejjem lil mahbuba Patria taghna mil jasar tattirxanni.

Karl Dan collu veru Armando.

Arm Haun mela Karloo hem bzon li tohod acqual=

unque cost; sachem jasal illiberalūr. Din iddar jena niccomfidà lilech .... iccmandà u iddefendia int....

Karl Taht il guardia tighei trid lgheid?

Arm Le, jena m'ghandi l'ebda dritt li niehu illoc lā briedem valorus bhalech fil camp tāl battalji... jen Karloo immarcia uaraich ... inti kuddiem biex lghallem l'issuldati chif ghandom jirbhu, mentri jena... ma nafx nghallimom hag'ohra hlief nghallimom chif ghandom imutu....

Karl Però l'umur dejjem ghandec. (pausa)

Arm Ixxabla tighec?...

Karl Hadili idduca

Arm Allura hu din (itih ixxabla Karloo imur biex johoda b'idu imfacciatā il conti jinduna) Karloo!!

Karl Xi gralech?.

Arm Dic l'id?

Karl Beni?

Arm Dic il ferità?

Karl M'hi xein. Ma limpedix lil drighei biex jomel iddover tighei ...

Arm Drighec tigia ghamlu iddover tighei....

Karl: M'hinix nifmech .... sur conti ....

Arm: Dic il ferità chif giet ghandec?

Karl: min arma .... makbuda hazin.

Arm: Lil captan Spaniol hut tassen?

Kar: U ghaliex? ——

Arm: Tal lejl --- gewwa dari .... ah! miserabbli cont int ....

Karl: Sur conti ....

Arm: Halliel tà l'imhabba .... assassin ... jena noktlov ..

Karl: (jinxtehed gharcupptejh) Iva sur conti ... oktlohni il meut min idejc tam sollièv ghalija ... u tehlisni darba ghal dejjem min dawn itturmenti li continnuament kedin jitturmentauli lil cucienza tighei .. ghandec ragiun toktolni ... issa kiat ngharaf iddelitt tighei ....

Arm: (jibchi) Ah disgrazziat li jen ... tant habbeitec ... katt ma cont nobsor li ghandi incun ittradut minnech .... int Karlov ... li ghalich jena ftaht kalbi colla ... u habbeitec bimhabba sinciera .... jena il fidi tighei chienet biss

fi 3 oggetti .... "Il Patria ... Ji ... u Int'" ... u issa se' fadalli izied .... ghal htia tighec .....

Karl S ur conti ghandec ragiun -

Arm U melā inam ktillec ja miserabbili .... il mewt tighiac, tirrendili il paci ... u il felicità minnech miltufa? .... tighalak forsi il mewt tighec ... dic il ferità ... li fkalbi ghamiltli? .... ghalfein isservi? .. forsi ghal causa sagrosanta li ghandna niddefendu il Patria ittnein fliemchien? ... fl'ahhar nett ... il calāvru tighec iam jislā imexxi issuldati ghal battalja? .....

Karl S ur conti, m' hinix izied den lā dan collu ...

Arm Denn jen le, demmech iam jappartieni lili, melā din il belt tam libera ... jena m' ghandix innakksila drieh mid-defensuri tighalha, melā m' ghanniex bizzejjed nies ghal battalja .... lā dan illejl ... altrimenti inum veru hati veru il patria ... daks chem int veru leja. Jena m' ghandix iddritt, nisirkila il curagg tighiac, .. bhal ma inti ma chellecht dritt tisrakli unuri ...

Karl  Possibbili sur conti li tāhfirli ?....

Arm  Ghal Patria biss ... u ghalxein izied ... Hu dic ixxiabla u mur iccumbatti ... igri fein iddover kiat isejjahlech; u ech inti ghandec tmut... almenu ma tmutx tā briedem vili ... imma tmut tā suldat valorus ... martri ghal Patria ... u ech meutēc tcun suiet ghal xi haga

Karl  (jehun ixxabla) Irra tārgiat tarani hay ...

Arm  Hay ... iva hay ... irrid narga narach rebbieh.

Karl  Ma din lia speranza tā mahfra, sur conti, nitolboc li ma tārgiax l'urarminna ... u int o xciabla irbah il causa tighei

(jinstemau passi) Hawn huma waslu.

## Xena IV

Bakezeel - Cornelius - Galena - Giona e detti.

Gal  Sur conti, innies tāghna jinsabu colla isfel, u ma jistennex hag'ohra hlief issinjal....

Arm  (juri l'Karloo) Eccu ... dan hua l'cap tāghna.

Baker  Ahna dejjem lesti ghal cmandi tighec

Karl  Beni, ~~aleff~~ ahelfu fuk l'unur tāghcom ... fuk l'ghezez haga li ghadcom ... li tāmmu

fidili ghal cmandi tieghei --

Tutti e'Pahelfu ....

Karl All'armi mela, u ech fil battalja ma hatt mincom jonksu il curagg -- ahsbu li bittelf tieghom tirrendu lil genituri taghcom --- lil uliedcom --- chif ucoll lil Patria -- gharrabja tà lispanjoli ---- ahsbu biss fil belt tiegh[om] issaccheggiatà u mahruka ---. Allarmi.. mela u mewt lil imfami Spania.

Tutti All'armi --- all'armi ----

Arm (isicchitòm) isimau --- isimau (jinstemau tnabar fil bghod) dawn huma ittnabar spanjoli

Karl Ixxialin, dawn donnom kiedin jinstimau tiegh--

Carm. (ittnabar jawvicinau) Iva dan hua sinjal li l'ghedewwa ma jinstabux b'ghod minna.

Arm (ittnabar dejjem jawvicinau) ahna ittraduti.

Tutti Ittraduti !!!

Karl Niccumbattu hbiet tieghi, nigru ghal piazza u nghàlu ghall'armi... u jena sgur li 10 elef cumbattenti johorgu ghal gheità tieghna....

Gal.Bec {Iva immorru (johorgu jigru Galena u Bakerzeel.)

Karl (jinstema storbju... Karlos jaktad il fanal u imur jittawal mil bieb) Uaslu fukna... Armando... okod ghassa ma dac il bieb... int Cornelius ghasses dic innaha... issinjal... issinjal... Hakk ixxiatin... issa Giona... issinjal.... u intom cunu pronti ghal mighiai....
(culhatt imur f'postu... Giona jitla... jinstema storbju u sparar) Ahna mitlufa.... l'ispanioli jelbuna.... (Idan il hin jinstemau trombi... u ftit uara jidhlu idduca Noir. 4 suldati b'galena u Bakezeel marbuta mittaraq jinghu 2 suldati b'Giona marbut. Karlos il conti u Cornelius jokodu hdein xulxin)

## Xena V

Duca. Noir, ~~Bak~~. Gale. Gion soldati e detti.

Duca Min hu minncom li tgharfuh bhala cap?
Karl Jena.
Arm Fil cumbattiment iva... imma hawn qiex jen.
Duc Tajjeb, ua conti, issa li ninsabu fi grat li nirsieru lit princep d'Orange, nitolbuk jidhol

fil belt, u nispicciau darba ghal dejjen din irrivoluzioni

Arm Jeck lina jidhol fil belt icun mitluf.

Duca Liema huma issinjali li ghadcom tghamlu, biex jinfethu il bibien ghal princep?

Karl La ma tafux... l'ankas ma tcunu tafu.

Duca Rincau... il sampanar Giona (Giona jersak kuddiem idduca) Tafu int dan issinjal?

Giona Sigur li nafu duca.

Duca Beni, hollulu idejh... u jati issinjal (Rincau iħollu idejh — Karloo u l'ohrain jaidulu biex ma jobdix)

Giona Ma sur duca... jena m'ghamiltilcom xein...

Duca Ati issinjal convenut kiat inghedtlech.

Arm Hem 3 miljuni flusar giona li huma colla hutec... salva lil princep... salva lil Patria...

Gion Jeck inti sur duca halleitli idejja biex incun nista nghamel issinjal.... tista targa torbolomhi ghax dan issinjal jena ma nghamlux... immut jen iva... u naqqat dejjem "Viva Fiandra"

Tutti Bravu Giona

Duca Ittieu spicciau (Rincau jimbotta lil Giona ghattarag Karloo u Arm. isuna ser jatalzu ghalih u ijommuom)

Ippuntáulu il pistola ma sidru, u ech ma jobdix
oktluh (issuldati jippermaulu u johorgu) (lil Noir)
Sur Gran Prevost, lestéit collox bil ghakal?

Noir Iva altezza, appena jidhol il princep, icun
milkuh min geug rísien... u niggarantilec jen
li l'ebda uiehed minnies tighen ma jipka fuk sakah

Duca Flahhar nett l'acbar ghadu tighei hua tàht édejja.

Arm Il princep icun salv, ghaliex issema ma jippermettix
din iddisgrazzia.

Duca Il princep imut... u int mighen. (jinstéman
tocci tà kampiena. il congurati juru ferh gbir)
(blehen inquiet) Ma din hia meut...

Noir Iva altezza jena ucoll kiat nossevà.

Arm Sema kedin tgheidu. Dan hua sinjal,
però taf liema? dac li jaid lil princep
"La tidholx, ahrab din il bell" moldiri
sur duca, dan hua sinjal li salva l'idduca
u salva ucoll illibertà tal Patria tàghna.

Duca (birralja) Per bacco... arrestàu lil dac il
bniedem... oktluh... oktluh.... (tinstéma
sparatura u Noir. jamel sinjal l'idduca li

lordni gìet eseguita) Iva, però l'ichor harabli, u ninsabu bhal kabel (jidhlu issuldati b'giona mejjet jehduh kuddiem idduca. Il conti inehhi il cappell u jessah leih, il congurati inehhu il cappell)

Arm. Isliem ghalic o imseichen martri, ahna nin kieh kalbna nirringrazziauc tà dac collu li ghamilt ghal mahbuba "Patria Taghna". Iva ahna bil kalb colla inselmulech ... uhedna ibierchu... ibierchu il memoja tighec, ghas= sacrifiziu li int ghamilt ghaliom, iva o glorius martri, ahna inneduc illi meta inanu liberi nift'acru fl'imseichen "Campanar" li miet "Martri" ghal "Patria".

Duca (lissuldati) Nehhu lil dan il bniedem min kuddiemi ---- l'ombra tighei keda ittini fastidju (issuldati inehhuh) Ifirhu ... ifirhu ... ja hafna miserabbili -- intom il coll thallsu ghalieh ....

Karl U il princep d'Orange ihallas ghalina.

Duca Hudu taht arrest lil dawn il miserabbili ... min kuddiemi — Gran Prevost il forsa tighhom

irrida f'nofs il piazza il ebira.

Arni (issul dati iduru mahhom) Immorru, hbieb lighei....
immorru biex nabbracciau il mewt, bhal ma abbraccià bil curagg collu,.. il habib lâghna Giona min dan ghanna nieħdu esempju, li ghanna immutu rebbilha ... immutu ghal Patria... u nghèlu il coll "Viva Fiandra Viva il Patria"

TUTTI "Viva Fiandra Viva il Patria"

# FINE DELL' ATTO TERZO

Edward Vassallo

# Atto IV

Ixxena tirrappresenta atriu fil palazz tad-duca.

## Xena I

Noir. Vargas u Rincau jitkattu bil mod warajh pausa jidhol idduca mill kamra tat-tortura)

Duca: X'hin hu dal hin?.

Vargas: Is-sebħa altezza.

Duca: Kollox lest fil piazza?

Noir: Iva altezza ---

Duca: Il palc? u il hgejjeġ?...

Noir: Kollox kif ma ordnait int

Rinc. Altezza l'ambaxxatur francis, hallas irriscatt tal Marchis De la Tramville, li dan talab salvacondott. (Duca ipoggi bilqieda u jiffirma xi karti)

Duca: Salvacondott tà killa lil dac il francis ....
ibghatuh kif il barra. (Vargas jieħu il karti u jtiħom lil Rincau)

Vargas: Icun servut. (Rincau johrog)

Duca: Sur Gran Prevost, ghanna bżonn nitkellmu iżied ----
bħal shiħa tiegħi kontra tagħna - u f'idejna m'għandix hlief sitta nimmies --- l'ohrain ma nafux min huma ...

Noir: Hem ittortura altezza ... biha incunu nafu min huma malair.

**Duca** Jena mansċiltx ... Lil conti tà Ryvoar per esempju l'anima tal complott. .... irridcom tgħeidu lil boyja li dac ghandu imut fuk il savallett, u irrid li icun ittorturat min idejn tassena, u ech fil cas li daun il mezzi m'humiex bizzejjed jivvintà ohrain actar turmentusi.

**Noir** Halli f'idejja altizza

**Duca** Appropositu, dic il mara... Dolores?...

**Varg** Ahna sibnia fil gabinett tas-sinjuria tgħac michula fl'art ghal mejtà... ridnia tohrog mil palazz... izda hi bdit tajjat. ajjat tà l'indannati u bzaina li isemu Pierre --

**Duca** marride li ibni jinduna bti haga min dac li kiat isir.

**Var** Certament altizza

**Duca** Intom sguri li ma sghema scein dal'lejl?

**Var** Ma nemminx altizza.... altizza Dolores gejja l'haun.

**Duca** Tajjeb uisk halluna uehedna (johorgu u tidhol Dol)

## Xena II

### Dolores e Duca

**Duca** Sinjura ... inti tlabt il hajja ghal captàn Varga

hux lássen ---- però din il grazzia ma tistāx tāklahha

Dol Altezza ....

Duc Ma jistax icun, dac il bniedem hua traditūr makbud fil fatt ghalech ghandu imut

Dol Dac li sejjer tighamel hia infamità....

Duc Sinjura ....

Dol Iva infamità, dallejt jena geit ghandec u mgħac ghamilt partit, ol jena ghattlech illi natic f'idejc bniedem li hua traditūr u li jena nobodu, bil patt li issalva lil ilhor li jena inhobbu Ichad jech tista. Jena li jena mara zammeit il chelma tighei ... u int li int idduca d'Alba caplān generali tāl pajjisi Bassi, inkast min chelmtec... però jena nobbligag li tcompli il promessa tighec .....

Duc Ismghani sinjura... li chiechu chin hattieha fl'ochoc u ordnixxa li ichillimni bdan il ~~...~~ mod nassigurac li ma chint johro g haj... ma billi int ghamilt servizz sbir versu irē...

Dol Versu irē... li jena cut ma ghamilt biex salvaitlec hajjec ... cut ma ghamilt ghamiltu lilech

Duc Lili??... beni... mur min kuddiemi u dac il bniedem imut... u jec izjed chelm'ohra.... ara dac il bieb tattortura

Dol Ah! Duca... bniena jena naf li ma chelli l'ebda dritt niccmanda u nimminacciac, jena ma nordnax izjed... ma nitlob... (gharcuptija) F'gieh ibnec.. ali grazzja li dac il bniedem... sahalu haylu... ahfirlu... biex issemma jiççonserva il hajja ta ebnec

Duc (isem pel kampiena) Vargas... Vargas...

Dol Ah! isem ta tigra umana (jitlaa Vargas u seffur)

Seff: Altezza issur Pierre qei ichelmech....

Duc Hu il barra lil din il mara...

Dol Le min hawn ma nitbidé... ma niccahlakx min hawn... jew intom lighamlu il forza fuhi jena nibda najjat u ngheidlu collox.

Duc Chelma uahda biss li inti tgheid u tmut meita (Vargas jahtaf lil Dolores bia jahraga izda uara pausa ta tahbid jitlakha ghax jilifacca Pierre)

Xena III

Pierre e detti

Duc (jankru) Pierre ... mahbub ibni ... int' ġeit uahdec..

Pierre Illum papà inhossni tajjeb hafna ---

